Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2004

Numru. 801/2004

**Il-Pulizija**
**(Sp. Raymond Cssar)**

**V**

**Fathi Abrahim Milad ta' 28 sena,**
**bin Abrahim u Hadisha nee Salama,**
**imwieled fil-11 ta' Dicembru, 1975, fil-Libja,**
**detentur tal-karta tal-identita' Maltija**
**bin-numru 20961A u joqghod fil-fond**
**Sunshine Flats/2, Sir Luigi Preziosi,**
**Qawra.**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Fathi Abrahim Milad li gie akkuzat talli

(1) nhar it-23 ta’ Awissu, 2004 ghall-habta tal-erbgha u kwart ta’ filghodu fi Triq il-Port Ruman fil-Qawra, minghajr il-hiseb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ Sergie Lola f’periklu car, ikkagunatlu ferita ta’ natura gravi hekk kif gie ccertifikat minn Dr J. Tabone MD u dan bi ksur ta’ arikolu 64 (2), 214, 216 (1)(b) u 216 (1)(d) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta,
(2) u aktar talli fl-istess jum, hin, lok u cirkostanzi, stieden lil haddiehor ghall-glied bil-gebel u dan bi ksur ta’ artikolu 339(1)(a)ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta,
(3) u aktar talli volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet pubbliku u dan bi ksur ta’ artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-ammissjoni ta’ l-akkuzat registrata fi zmien bikri ta’ l-interrogatorju.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali.

Rat li l-fedina penali hi ghal kollox netta.

Semghet ukoll il-kontestazzjoni dwar il-gebla wzata f’dan l-incident.

In vista tal-fatt li l-Qorti m’ghandha ebda ragun tiddubita mill-istess ammissjoni. Anke wara li rat il-verbal tal-llum.

Qieset is-serjeta’ ta’ l-akkuzi addebitati.

Rat l-artikolu 64, 216 tal-Kapitlu 9, l-artiklu 339, 338, 17 tal-Kapitlu 9. Rat l-artikolu 28A tal-Kapitlu 9 tikkundannah ghal sitt xhur habs sospizi ghal sena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------